# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 234/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Emanuel Magri**

Illum l-erbgħa (4) ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Emanuel Magri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 192963(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-26 ta' Diċembru 2003 u matul l-aħħar ġranet ta' qabel din id-data:

1. assoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika d-droga eroina f' dawn il-Gżejjer, kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza,

jew iffinanzja l-assoċjazzjoni, sabiex tiġi mpurtata f'Malta d-droga eroina u dan bi ksur ta' Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fis-26 ta' Diċembru 2003 ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-fond tal-kumpless tad-dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali, ittanta jikkorrompi jew iħajjar għall-korruzzjoni Uffiċjal Pubbliku ċioè lil Spettur Norbert Ciappara billi joffrilu rigal, jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 815 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f), (1A)(1B), (2)(b)(i), 26, 27, 28 u 30 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif ukoll Artikoli 20, 22, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u lliberatu minnha, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu seba' (7) snin priġunerija u multa ta' sitt elef Euro (€6,000) u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus misjuba fuq l-imputat. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti jħallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn, disgħa u tletin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€239.84) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti fil-każ.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija, jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali tal-partijiet jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u da parte tagħha l-konsulent legali tal-appellant talbet li din il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni tal-fatt li għaddew għoxrin sena mid-data msemmija fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi jirriżulta li l-Pulizija kienet irċeviet informazzjoni li ċertu bulgaru bl-isem ta' Atanas Paskalev Dimitrov kien ser jasal Malta minn Frankfurt bid-droga. Il-Pulizija osservat lil bulgaru meta wasal Malta u, wara li ma għamel kuntatt ma' ħadd, huwa kien arrestat. Jirriżulta li huwa kkoopera mal-Pulizija u aċċetta li jmur l-isptar fejn l-*X Ray* wera li kellu kapsoli b'sustanza li kienet suspettata droga. Huwa baqa' l-isptar taħt sorveljanza l-ħin kollu waqt li għadda dawn il-kapsoli.

Illi Atanas Paskalev Dimitrov xegħel *mobile* li bih kellu jirċievi struzzjonijiet fuqu malli jasal Malta. Huwa rċieva diversi telefonati u l-uffiċjal tal-Pulizija Norbert Ciappara baqa' jagħtih

struzzjonijiet sabiex jitlob li telefonata minnhom issir għall-ħabta tas-6.00pm. Għal din it-telefonata Dimitrov wieġeb li hu kien lest.

Illi fis-26 ta' Diċembru 2003 Dimitrov kellu telefonata fejn intalab joħroġ fuq l-għatba tal-lukanda Valentino Hotel f'San Ġiljan fejn kellu joqgħod hu skont ma kienu qalulu iżda minfloku mar PC 1183 Oliver Borg li kellu jippersonalizza lil Dimitrov. Għandu jingħad li kien hemm telefonata oħra fejn Dimitrov intalab li jmur l-Imdina b'*taxi*. PC 1183 Oliver Borg rikeb f'*taxi* u waqaf barra l-Imdina fejn huwa kien avviċinat mill-appellant li staqsieh jekk kienx 'Atanas'. PC 1183 Oliver Borg wieġeb fl-affermattiv waqt li wera l-baskett tal-plastik bil-pilloli finti. PC 1183 Oliver Borg qallu *"Money First"* u l-appellant qallu *"Yes, yes. Come"*. Dak il-ħin l-appellant kien ser jgħaddi l-flus meta kien arrestat u l-pakkett bil-flus waqa' fl-art.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Dwar in-natura tas-sustanza, fir-rapport (*a fol.* 50 *et seq.*) l-espert l-i**Spiżjar Mario Mifsud** ikkonkluda li l-kapsoli nstab fihom ammont nett totali ta' 546.344 grammi ta' Herojina b'purita' ta' ċirka 20%.

- **PC 1183 Oliver Borg** (*a fol.* 417 *et seq.* u *a fol.* 622 *et seq.*) xehed li kien mar il-Valentino Hotel ġewwa Paceville fejn kellu jippersonalizza lil Atanas Paskalev Dimitrov. Jgħid li huwa ra Hyundai Accent tagħmel *patrol* fl-area kontinwament u li mbagħad irċieva struzzjonijiet biex imur l-Imdina fejn beda miexi ġewwa l-Imdina meta avviċinah l-appellant u staqsieh jekk kienx Atanas u wieġbu fl-affermattiv. Jgħid li wrieh il-pakkett li kellu f'idu li kien f'borża trasparenti u malli wrieh il-pakkett wiċċ l-appellant xegħel u l-Pulizija reġa' ġibed il-pakkett lura. Jgħid li qallu *"Money first"* u li l-appellant qallu *"Yes, come with me"*. Jispjega li dar lura u malli dar lura sab lil PS 1086 Johann Micallef li waqqfu. Jgħid li fuq l-appellant instabu 2300 dollaru u Lm176 kif ukoll mobile Nokia. Jgħid li l-Pulizija kienet qed tagħmel *controlled delivery* u l-pakkett li kellu f'idu hu (Borg) kien bħala *decoy*.

- **PS 1086 Johann Micallef** (*a fol.* 421 *et seq.*) xehed li PC 1183 Oliver Borg kellu baskett li kien fih dawk magħmula biex jidhru taparsi kapsoli. Jgħid li kienu jafu li Atanas Paskalev Dimitrov kien miżmum ġewwa l-isptar fejn kien instab li qed iġorr fuqu kapsoli. Huwa kkonferma li l-vettura bin-numru tar-reġisrazzjoni LAA 884 kienet misjuqa mill-appellant (filfatt xhud għal Transport f'Malta kkonferma li din il-vettura hija rreġistrata f'isem Emanuel Magri u kienet ilha fuq ismu). Fuq struzzjonijiet ġodda hu u PC 1183 marru l-Imdina b'*taxi*. Jgħid li daħal bil-mixi wara sieħbu u ftit wara resaq l-appellant fuqu sieħbu. Jgħid li l-appellant kellu *envelope* abjad f'idejh li kien ser jagħtih lil PC 1183. Jixhed li f'dak il-mument mar fuq l-appellant u malli kien ser iżommu l-appellant telaq l-*envelope* mal-art.

- L-appellant **Emanuel Magri** (*a fol.* 785 *et seq.*) għażel li jixhed fejn qal li kien jaf lil ċertu Mario Borg għaliex hu (l-appellant) huwa dilettant tal-karozzi għalkemm ma għandux dawn il-karozzi u kien jitkellem fuqhom ma' Mario Borg li kellu karozza tal-ġiri. Jingħad li t-tnejn li huma joqogħdu Ħal-Qormi u li dakinhar Mario Borg kien qallu jagħmillu pjaċir u jmur jaqdih għaliex Borg ried iwassal il-mara x-xogħol. Jingħad li Borg talbu jmur San Ġiljan, jagħtih il-flus u jmur iġiblu xi affarijiet li l-appellant fehem kienu tal-karozza u hu iltaqa' ma' Borg biex jagħtih il-flus, tah *envelope* u ma kienx jaf kemm kien fih. Jgħid li ma kienx jaf il-persuna li kellu jiltaqa' magħha. Jispjega li mar jistennieh San Ġiljan u mbagħad qallu biex imur l-Imdina fejn il-persuna kellha tistennieh fejn ikun hemm il-karozzini. Jgħid li ra wieħed b'baskett f'idu u kien arrestat. Jixhed li Mario Borg ma kienx qallu fuq xiex kien qed jibgħatu. Jgħid li kienet ċemplitlu l-eks sieħba tiegħu Daniela fejn staqsietu għaliex kien mar jaqdih lil Mario Borg. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li Borg kien ċempillu fuq il-qadja fl-istess jum filgħodu. Jgħid li Borg kien qallu li seta' jagħti l-flus lil din il-persuna waqt li din il-persuna tagħtih l-affarijiet. Għad-domanda tal-Prosekuzzjoni: *"Jiġifieri inti xi ħadd bagħtek tiġbor pakkett u qbadt u mort tiddeċiedi tiġbru mingħajr ma staqsejtu x'ħa tiġbor, hekk qed tgħid inti?"* (*a fol.* 796), wieġeb:

> *"Ma staqsejtux jien xejn għax jien għidt affarijiet tal-karozza għax kien iġib ħafna affarijiet tal-karozza jgħid"* (*a fol.* 796).

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq is-segwenti tliet aggravji:

- fl-ewwel aggravju l-appellant jisħaq li l-provi f'dan il-każ ma jistgħu qatt iwasslu għar-reita' fl-ewwel (1) imputazzjoni ċioè fir-reat ta' assoċjazzjoni sabiex tiġi ttraffikata d-droga;

- fit-tieni aggravju jiġi argumentat illi l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kien wieħed parzjali u selettiv;

- it-tielet aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tibda billi konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni aggravju u dana peress li jagħmel aktar sens li jsir hekk.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament parzjali u selettiv tal-provi. L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti skartat il-verżjoni tiegħu li dan kien assuma li kien sejjer jiġbor xi affarijiet konnessi mal-vetturi meta Borg talbu biex jagħmillu qadja għaliex Borg kellu jwassal lill-mara tiegħu għax-xogħol. Jargumenta li ma hemmx prova li hu kien konxju li l-aġir tiegħu kien wieħed illeċitu u jgħid li lanqas hemm xi prova tal-korrispettiv li kellu jieħu minn din il-qadja. Jgħid li hu (l-appellant) ma kienx xi bniedem magħruf mal-Pulizija għall-involviment tiegħu f'reati ta' droga. Jisħaq li kellu jiġi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni addebitata kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti tibda billi tinnota li jkun opportun li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi din il-Qorti eżaminat mill-ġdid ix-xiehda li nstemgħet quddiem l-Ewwel Qorti u tasal għall-konklużjoni li l-appellant kien jaf x'qed jagħmel meta mar jiġbor *"il-part ta' karozza"*. Bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti mhux ssib verosimili x-xiehda tal-appellant u dan għaliex huwa stramb kif għal biċċa *part* ta' vettura tmur tfittex persuna l-ewwel banda u mbagħad band'oħra. Dan meta taf li min ser iforni din il-*part* huwa barrani u meta suppost l-appellant kien qed jaqdi lil min bagħtu li allegatament kellu jwassal lil martu x-xogħol. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li r-reazzjoni tal-appellant malli ra l-borża hija grafikament deskritta minn min kien qed jieħu sehem fil-*controlled delivery* u tikxef il-veru *stato d'animo* tal-appellant.

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Illi meta din il-Qorti tikkunsidra dan kollu hija tasal għal konklużjoni li l-Ewwel Qorti ma kinitx selettiva meta waslet għall-konklużjoni tagħha li l-appellant kien jaf x'qed jagħmel. Għandu jingħad li jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkunsidrat kollox u mhux xi parti biss ta' dak li xehdu x-xhieda li tressqu jixhdu quddiemha.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li l-Ewwel Qorti għażlet li tiskarta dak li xehed l-appellant bħala inverosimili u dan setgħet tiddeċidieh wara li ratu jixhed kif ukoll rat x'sar matul il-*controlled delivery*. Mix-xiehda tal-Pulizija nvoluti fil-*controlled delivery* jirriżulta li wiċċ l-appellant xegħel.

Illi dan kollu juri li l-appellant kien jaf x'qed ifittex fl-allegata qadja li bagħtu ħadd ieħor. Lanqas hemm dubju li s-sustanza kienet dik li kellu jġib Atanas Dimitrov liema sustanza kienet herojina u kellha piż ta' 544.346 grammi b'purita' ta' 20%. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li l-provi f'dan il-każ ma jistgħu qatt iwasslu għar-reita' fl-ewwel (1) imputazzjoni. Jgħid li l-Ewwel Qorti skartat il-verżjoni tiegħu għaliex ikkunsidratha inverosimili. Jgħid li dan l-aggravju jmur 'l hemm minn jekk kellhiex titwemmen il-verżjoni mogħtija minnu jew le għaliex hu jissottometti li l-provi miġbura mill-Prosekuzzjoni ma jwasslux għar-reat ta'assoċjazzjoni. Wara li jelenka x'inhuma l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assoċjazzjoni, jgħid li jaqbel mal-ġurisprudenza Ingliża li tgħid li r-reat tal-ftehim jista' jirriżulta minn inferenzi li joħorġu mill-attivita' kriminali. Jgħid li l-inferenzi ma jistgħux jkunu msejsa fuq suspetti jew konġetturi imma jridu jkunu mibnija fuq provi ammissibbli u li għandhom valur probatorju skont il-liġijiet tal-proċedura. Jagħmel riferenza għal sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin u jgħid li f'waħda minnhom *ossia* dik mogħtija fit-8 ta' April 2010 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco** il-Qorti Kriminali kienet qalet li biex ikollok l-assoċjazzjoni jrid ikollok mhux biss il-ftehim li wieħed jittraffika iżda li l-konsoċjati jridu

wkoll ikunu ftehmu *ossia* kkombinaw dwar il-mezzi li bihom l-istess konsoċjati għandhom jimxu. Jgħid li f'din is-sentenza msemmija minnu l-Qorti Kriminali kienet annullat il-Kap tal-Akkuża għaliex fin-narrattiva ma kienx spjegat x'kienu l-mezzi li kienu ġew miftehma u jgħid li dan l-element kellu jiġi spjegat għar-ritwalita' tal-atti ġudizzjarji *multo magis* kellu jiġi ppruvat għall-finijiet ta' riskontrar ta' responsabilita' kriminali.

Illi fl-istess aggravju l-appellant jgħid li ssemma Atanas Paskalev Dimitrov li hu (l-appellant) qatt ma kkomunika miegħu. Jgħid li kien PC 1183 Oliver Borg li mar jiltaqa' miegħu (mal-appellant) u ppretenda li kien Dimitrov. Jisħaq li skont l-eks Assistent Kummissarju Norbert Ciappara l-ftehim kien sar bejnhu (l-appellant) u Mario Borg. Jgħid li Dimitrov xehed u qatt ma semma la lil Borg u lanqas lilu (lill-appellant). Jisħaq li Daniela Cassar qalet li fid-data tal-allegat reat Borg kien qalilha lil kien bagħat lill-appellant jagħmel qadja. Jgħid li Borg qal lil din ix-xhud li kien bagħtu jiġbor xi droga iżda ma rriżultax li hu (l-appellant) kien jaf li ser jiġborlu xi droga. Jgħid li din hija *hearsay evidence* u hija prova li Borg qal hekk u mhux prova tal-kontenut li ntqal. Jgħid li b'hekk ma hemmx prova li Mario Borg u hu (l-appellant) ftehmu dwar il-mezzi li bihom kellhom jimxu.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' April 2018 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Arnold Farrugia** (Numru 21/2010) fejn Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "15. Illi s-sentenza li daħlet *funditus* fl-elementi tar-reat tal-assoċjazzjoni hija **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Ellul**[2], fejn din il-Qorti, kif diversament komposta, ikkwotat awturi u ġurisprudenza meta saħqet illi l-prova tal-ftehim tista' tirriżulta minn inferenzi li joħorġu mill-attivita' kriminali li ssegwi dan il-patt kriminuż. Iżda mhux biss, għaliex jistgħu jippreżentaw rwiehom każijiet fejn dak pattwit ma jkunx ġie attwat

[2] Deċiża 17/05/2005 App. Sup..

għal xi raġuni kemm indipendenti mill-volonta' tal-malviventi, kif ukoll għal motivi oħra li jistgħu jwassluhom biex jiddesistu mill-aġir kriminali b'mod volontarju. F'dawn il-każijiet ir-reat tal-assoċjazzjoni xorta waħda jissussisti bl-att materjali allura jkun il-ftehim milħuq bejn tnejn jew aktar.

> "F'Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 naqraw:
>
> "The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: *Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; *R. v. Warburton* (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; *R. v. Tibbits and Windust* [1902] 1 K.B. 77 at 89; *R. v. Meyrick and Ribuffi*, 21 Cr. App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: *O'Connell v. R.* (1844) 5 St. Tr. (N.S.) 1."
>
> "The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: *R. v. Parsons* (1763) 1 W.Bl. 392; *R. v. Murphy* (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": *R. v. Brisac* (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in *Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."

16. Illi mbagħad fid-deċiżjoni **The Republic of Malta vs. Steven John Louis Marsden**[3] din il-Qorti, diversament komposta, kompliet tamplifika fuq il-grad tal-prova

[3] Deċiża 02/11/2009.

meħtieġa sabiex jissussisti r-reat tal-assoċjazzjoni fit-termini tal-Article 22(1)(f) Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta qalet hekk:-

> "In the Godfrey Ellul case this Court had not stated that this is the position under Maltese law. However, it is in agreement with what is stated therein as it is quite clear from the said quotation that evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself. Indeed the quotation from Archbold clearly states that a conspiracy may also be proved "in the usual way" – so by means of direct evidence and/or circumstantial evidence which must be univocal, that is to say, that cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy. ….
>
> As one finds stated in the 2008 Edition of Blackstone's Criminal Practice:
>
> "There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In Murphy (1837) C C & P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, inter alia, by

> direct testimony, secret recordings or confessions…".
>
> This appears to be also the position in Scots law. Professor Gerald Gordon, in his standard text 'The Criminal Law of Scotland' makes reference to the dictum of Lord Avonside in Milnes and Others (Glasgow High Court, January 1971, unreported) to the effect that "you can have a criminal conspiracy even if nothing is done to further it", adding that, indeed, this is the very essence of conspiracy."

[...]

26. Dan għaliex

> "….. as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of *mens rea*, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose.
>
> "Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in *H.M. Advocate v. Wilson*, Latta and

> Rooney (1968): *"You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."*
>
> "The evidence derived from such decisional process will not always be as unambiguous as the example in the previous paragraph. An individual who may appear at an early stage of the 'conspiracy' to be involved might not be firmly committed. This problem is raised in a crucial form by the absence of any requirement of proximity such as is to be found in the law of attempt.""

Illi din il-Qorti eżaminat ukoll dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et** (Numru 15/2001) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "[...] although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.
>
> Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on

to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."

Illi kif diġà ngħad aktar 'il fuq, fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-8 ta' April 2010 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco** (Numru 5/2009). F'din is-sentenza, il-Qorti Kriminali qalet hekk:

"5. Ir-raba' eċċezzjoni hi fis-sens li t-tieni kap huwa null ghax il-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt fl-istess kap "u dan peress [li] il-fatti kif deskritti ma jikkostitwux ir-reat dedott fil-parti akkużatorja tal-kap imsemmi." Din l-eċċezzjoni hi msejsa fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 449(5)(b) tal-Kodici Kriminali. It-tieni kap, kif rajna, hu dak ta' assoċjazzjoni. Issa, biex ikollok l-assocjazzjoni jrid ikollok, skont is-subartikolu (1A) tal-Art. 22 tal-Kap. 101, mhux biss il-ftehim li wieħed jittraffika, iżda l-konsoċjati jridu wkoll ikunu ftehmu ossia kkombinaw dwar "il-mezzi, ikunu xi jkunu, li bihom [l-istess konsocjati] għandhom jimxu." Il-parti esposittiva tal-fatti tat-tieni kap – effettivament l-ewwel paragrafu tat-tieni kap – ma tgħid assolutament xejn dwar dawn il-mezzi. Il-paragrafu jgħid biss li l-akkużat u tnejn min-nies oħra (Rizzo u Buttigieg) ftehmu

> "biex tigi traffikata llegalment id-droga raża tal-*cannabis* u dan bi profitt [għall-akkużat]." Xejn dwar il-mezzi miftehma jew ikkumbinati! Ir-referenza għaż-żmien u ċ-ċirkustanzi msemmija fl-ewwel kap tal-Att ta' Akkuża ma hi assolutament ta' ebda għajnuna, għax kulma jingħad fil-parti esposittiva tal-ewwel kap hu li Migneco nstab fil-pussess tar-raża "li kienet intiża biex tiġi kunsinnata lil ċertu Buttigieg...u wara traffikata." <u>Il-"mezzi" jibqgħu fir-relm tal-immaġinazzjoni</u>. Fil-waqt li l-parsimonija fil-kliem hi ta' min ifaħħarha, wieħed ma jridx imur fl-estrem li tant ikun skarn fl-espożizzjoni tal-fatti li element essenzjali tal-akkuża jkun karenti." [emfażi ta' din il-Qorti]

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar dak li l-Qorti Superjuri saħqet fuqu u ċioè jekk hemmx prova li l-assoċjati jkunu ftehmu dwar il-mezzi, jkunu xi jkunu, li bihom l-istess konsoċjati għandhom jimxu.

Illi din il-Qorti għarblet l-atti proċesswali kollha u qieset ukoll dak li ngħad fis-sentenzi fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco** li saru riferenza għalihom hawn fuq f'din is-sentenza fejn it-tnejn li huma jagħmlu emfażi speċjali fuq dan il-punt appena msemmi u li ma hemm xejn xi jżomm li jsiru inferenzi mis-*circumstantial evidence*. F'dan il-każ, is-*circumstantial evidence*, speċjalment l-ammont ta' droga nvoluta, jindikaw li d-droga kellha titwassal għand "X" wara li dan jiġborha minn għand Dimitrov u mbagħad "X" jieħu ħsieb jittraffikaha *considerando* l-ammont involut.

Illi l-provi jindikaw li l-konsoċjati kienu persuna oħra li l-Qorti qed tindika bħala "X" u persuna barranija. Mill-provi jirriżulta li l-appellant daħal fin-nofs tal-istorja meta mar iġib id-droga minn għand Atanas Dimitrov.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami u kif ukoll fir-rigward tat-tieni aggravju li

ġie kkunsidrat qablu, kienet korretta l-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li ma kellhiex dubju illi l-elementi ta' dritt marbuta mar-reat tal-assoċjazzjoni tal-impurtar, traffikar[4] u bejgħ tad-droga jirriżultaw kollha pruvati sal-grad rikjest mil-liġi u li l-appellant kien parti integrali fl-assoċjazzjoni ta' nies li ftehmu sabiex tiġi mportata u traffikata ġewwa Malta d-droga in kwistjoni u li għalhekk instabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

B'hekk tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija wisq gravuża u lanqas hemm raġunijiet għaliha. Jgħid li jekk huwa jinstab ħati tar-reat ta assoċjazzjoni jiġi sottomess li huwa nġust li jingħata piena li hija viċin il-massimu kontemplat mil-liġi. Jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tapplika Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex *a tempo vergine* kien indika lil Mario Borg li, ħmistax-il sena wara l-każ, kien għadu ma tressaqx il-Qorti. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx it-trapass taż-żmien mill-allegat reat li ma kienx attribwibbli lilu u jgħid li għandu kondotta nadifa. L-appellant isostni li jekk il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni tiġi aċċettata u ċioè li hu kien konsapevoli mill-fatt li Mario Borg kien qed jużah u li skont il-Prosekuzzjoni hu kien qed jiġi wżat biex iwassal il-flus għand Atanas Paskalev Dimitrov u jiġbor id-droga għal Borg, dan ċertament dan ma kienx jimmerita piena lejn il-massimu fil-parametri li tagħti l-liġi.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed**

[4] Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *"Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, <u>tinkludi</u>* [...]" [emfażi miżjuda]. Din hija definizzjoni wiesgħa tant illi tintuża' l-kelma "tinkludi" u mhux il-kelma "tfisser".

(Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha, hija tinnota li ma jirriżulta xejn fl-atti proċesswali li jindika li l-appellant għandu jibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja dan, din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni t-trapass taż-żmien minn mindu l-appellant tressaq quddiem l-Ewwel Qorti sallum u kif ukoll dak li xehdet l-Uffiċjal tal-*Probation* Sarah K. Bezzina (*a fol.* 894 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta u dak li jirriżulta mis-*Social Inquiry Report* (Dok. "SB" – *a fol.* 898A *et seq.*) redatt minnha. Mix-xiehda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Sarah K. Bezzina u mir-rapport redatt minnha jirriżulta li l-appellant miexi fit-triq it-tajba u għandu *business* żgħir interessanti li żgur huwa motiv kbir biex iżommu fit-triq it-tajba li qabad. Tenut kont ta' dan, din il-

Qorti qed tilqa' it-tielet aggravju tal-appellant billi ser tipprovdi għal tnaqqis fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Emanuel Magri u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u li minnha ġie liberat;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus misjuba fuq l-appellant u fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali fis-somma ta' mitejn, disgħa u tletin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€239.84);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat seba' (7) snin priġunerija u multa ta' sitt elef Euro (€6,000) u minflok tikkundannah erba' snin u sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef Euro (€5,000);

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |